**M I N U T I**

**LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI FLORIANA**

**IT-TMIEN LEĠIŻLATURA**

**LAQGĦA NUMRU 48**

13 t'April 2022

It-tmienja u erbgħin (48) seduta tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Floriana nżammet nhar il-Erbgħa 13 t'April 2022 fil-5.00pm. Il-laqgħa nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tad-Dar tal-Kunsill.

PREŻENTI :-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sinjorina Davina Sammut Hili | ( DSH) | Sindku |
| Is-Sur Vincent Borg | ( VB ) | Viċi Sindku |
| Is-Sur James A Ellul | ( JAE ) | Kunsillier |
| Is-Sinjorina Justine Palmier | ( JP ) | Kunsillier |
| Is-Sur Albert Demarco | ( AD ) | Kunsillier |

SKUŻATI:-

Membri tal-Pubbliku 0

UFFIĊJAL PREŻENTI :-

Malcolm Agius Muscat Segretarju Eżekuttiv

## MINUTI

48.1 **QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI**

48.1.1. Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

48.2 **KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

48.2.1. Is-Sindku DSH ressqet il-minuti tas-seba' u erbgħin (47) laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkulati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

48.2.2. Il-Viċi Sindku għamel riferenza għall-materja nru 47.14.2 fejn talab li jitniżżlu l-ismijiet, u għalhekk għandha taqra "jawgura liż-żewġ membri tal-Kunsill, is-Sinjorina Davina Sammut Hili u s-Sur James Aaron Ellul, li kienu kandidati għall-elezzjoni ġenerali".

48.2.3. Il-Kunsillier JAE ressaq il-korrezzjoni ta' materja nru 47.5.2 li għandha taqra "ħafna ħaxix fuq is-sur taċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V".

48.2.4. Il-Kunsillier AD ressaq mozzjoni issekondata mill-Kunsillier JAE favur l-approvazzjoni tal-minuti imsemmija. Ittieħed vot bir-riżultat ikun:

Favur: 4 (AD, JAE, DSH, VB)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

48.2.5. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 47.5.2 dwar ħaxix fuq is-sur taċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V, u staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp fuq din il-materja. Is-SE qal li ma kienx hemm tweġiba.

48.2.6. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 47.2.4 u staqsa jekk kienx hemm xi korrispondenza mingħand l-avukat rigward il-kwistjoni tal-Fosos. Is-Sindku nformat li din il-materja kienet ser tiġi diskussa fil-korrispondenza.

48.2.7. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 47.2.5 u staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp rigward il-fanali ornamentali ta' fuq il-Fosos. Is-SE wieġeb li sa dakinhar kien għad m'hemmx tweġiba.

48.3 **KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU**

48.3.1. Is-Sindku ressqet korrispondenza mingħand is-Soċjetà Filarmonika Vilhena fejn stiednu lill-kunsillieri għal riċeviment nhar il-Ħadd l-1 ta' Mejju 2022. Il-Kunsill innota dan.

**Nota: 17:08 Il-Kunsilliera JP attendiet għal-laqgħa.**

48.3.2. Is-Sindku ressqet korrispondenza mingħand l-avukat tal-Kunsill dwar it-talba riċenti li tikkonċerna konċessjoni fiċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V. Wara l-parir legali li ngħata, u wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li din it-talba għandha tiġi miċħuda u għalhekk qabel li għandu jinforma lill-konsulenti tal-applikant dwar din id-deċiżjoni.

48.3.3. Is-Sindku ressqet korrispondenza mingħand l-avukat tal-Kunsill dwar il-materja tal-Fosos, li ppropona li terġa' ssir laqgħa sabiex il-materja terġa' titqajjem. Il-Kunsill qabel li għandu jieħu ħsieb jorganizza laqgħa mal-Avukat dwar din il-materja.

48.3.4. Is-Sindku ressqet korrispondenza mingħand il-Fergħa Armar ta' Barra fejn talbu in-no objection tal-Kunsill għall-kaxxa infernali li ser tingħata nhar il-Ħadd l-1 ta' Mejju 2022. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

48.3.5. Is-Sindku ressqet korrispondenza mingħand 23 Boutique Ltd. fejn talbu li jingħataw spazju għal alightment boarding bay quddiem il-boutique hotel tagħhom. Wara li ddiskuta, il-Kunsill ma qabilx mat-talba minħabba diversi raġunijiet primarjament minħabba li l-Kunsill ma setax jagħmel parkeġġ riservat quddiem kull boutique hotel li teżisti fil-lokalità. Is-sidien għandhom jieħdu ħsieb li jagħmlu studji loġistiċi speċjalment meta l-hotels ikunu fil-qalba tar-residenti. Huwa importanti li jinstabu spazji alternattivi sabiex ma jkunx hemm konsegwenza negattiva fuq ir-residenti. Is-Sindku qalet ukoll li f'dan il-każ partikolari, kien hemm post ftit spazji l' bogħod fejn wieħed iniżżel b'kumdità mingħajr ma jwaqqaf it-traffiku. Fir-rigward tal-bankini, il-Kunsill qabel li għandu jara li dawn huma aċċessibbli għal kulħadd b'mod speċjali għal dawk li għandhom mobbilità limitata.

48.3.6. Is-Sindku ressqet korrispondenza mingħand il-Fergħa Armar ta' Barra fejn offrew lill-Kunsill jorganizza attività b'mod konġunt magħhom. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li jipparteċipa billi jieħu ħsieb iħallas l-ispiża tal-fire engine li tammonta għal €584.10.

48.3.7. Is-Sindku ressqet korrispondenza mingħand is-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali fejn informaw li kienu ser iressqu l-feedback tagħhom appena tkun sottomessa l-applikazzjoni quddiem l-Awtorità tal-Ippjanar.

48.3.8. Is-Sindku nformat lill-Kunsill li kien beda' x-xogħol fuq l-istatwa ta' San Publju. Hija qalet l

## 48.4 RAPPORTI

48.4.1. Ma kienx hemm rapporti.

## 48.5 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

48.5.1. Il-Kunsillier JAE staqsa rigward ix-xogħol fi Ġnien il-Mall u jekk dan hux ser ikun lest sal-1 ta' Mejju 2022. Is-Sindku wieġbet li mill-aħħar korrispondenza jidher li kienu qed jaħdmu biex sal-1 ta' Mejju 2022, ix-xogħol ikun magħluq jew kważi magħluq.

48.5.2. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk kienx hemm xi dettalji dwar il-piċċ fiċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V. Is-Sindku wieġbet li sfortunatament, il-Perit preċedenti tal-Kunsill qatt ma kien ta l-ispeċifikazzjonijiet mitluba mill-Kunsill minkejja diversi talbiet, u għalhekk il-Kunsill kellu jqabbad lill-Perit il-ġdid li min-naħa tiegħu kien wasal biex jibgħathom.

48.5.2.1. Il-Viċi Sindku VB staqsa jekk il-Kunsill kellux rapport fuq il-proġett kollu. Is-SE spjega li l-Perit kien applika għar-rimbors billi ġew finalizzati r-rapporti u sottomessi lid-Development Fund. Is-SE qal li kull ma kien jonqos kien l-MCCAA report li kellu jkun lest dalwaqt.

48.5.3. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp fuq l-applikazzjoni ta' Ġnien Vilhena. Is-SE wieġeb li l-applikazzjoni kienet ġiet sottomessa però kien għad m'hemmx risposta jekk kienitx ġiet milqugħa.

48.5.4. Il-Kunsillier JAE qal li kien irċieva xi ritratti li juru li wara l-attività taż-żjara tal-Papa fuq il-Fosos, kienu ramew kollox barra. Is-Sindku qalet li kienet kellmet lill-organizzaturi u kellhom jieħdu ħsieb jiġu jnaddfu. Il-Kunsillier JAE qal li kien għadda minn hekk dakinhar, u jidher li kien għad hemm xi viti fil-ġnub tat-triq. Is-SE qal li għandu jiġbdilhom l-attenzjoni biex meta jiġu jsewwu l-ħsarat żgħar li kien hemm, jieħdu ħsieb it-tindif ukoll.

48.5.5. Il-Kunsilliera JP qalet li kienet ġiet avviċinata minn xi residenti li informawha li mhux qed ikun hemm kennies fi Ġnien Preziosi, u li l-bins kienu kollha mimlijin. Il-Kunsill qabel li għandu jkellem lill-kuntrattur. Madankollu, il-Kunsill innota r-riħ li kien qam xi ftit tal-ġranet qabel li ukoll seta' wassal għall-firxa tal-iskart.

48.5.6. Il-Kunsilliera JP qalet li kien hemm tappiera mifqugħa fi Triq San Publju. Il-Kunsill qabel li għandu jkellem lill-Water Services Corporation.

**Nota: 17:31 Il-Viċi Sindku VB talab li jkun skużat.**

## 48.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sottokumitati

48.6.1. Ma kienx hemm rapporti tal-laqgħat ta' kumitati u/jew sottokumitati.

**Nota: 17:33 Il-Viċi Sindku VB irritorna għal-laqgħa.**

## 48.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

48.7.1. Is-Sindku DSH ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti bir-referenza 36/08 li ġiet iċċirkolata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

48.7.1.1. Wara mozzjoni mressqa mill- Viċi Sindku VB u issekondata mill-Kunsillier JAE, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati fl-iskeda tal-pagamenti, bir-riżultat ikun favur nem con.

## 48.8 Mozzjonijiet

48.8.1. Ma kien ħhemm l-ebda mozzjoni.

**Nota:** **17:34 Il-laqgħa ġiet sospiża sakemm il-Kunsill irrisolva ruħu f'kumitat biex ikun jista' jiddiskuti n-nominazzjonijiet għal Jum il-Floriana.**

**18:10 Il-laqgħa tkompliet.**

## 48.9 JUM IL-FLORIANA

48.9.1. Is-Sindku fetħet il-materja billi qalet li kienet ser tippreżenta s-serata is-Sa Jackie Mercieca.

48.9.2. Is-Sindku kompliet billi qalet li s-serata kienet ser tinżamm kemm jista' jkun sempliċi, fejn mhux ser ikun hemm kantanti u l-grafika kienet ser tkun minima.

48.9.3. Is-Sindku qalet li s-serata kienet ser tinżamm nhar it-22 t'April 2022 fis-7.30pm u li wara kien ser ikun hemm bibita. Għas-serata kienu ser ikunu mistiedna il-President ta' Malta kif ukoll il-President tar-Reġjun Port. Hija qalet ukoll li kienu ser jiġu mistiedna l-għaqdiet kif ukoll il-membri parlamentari tal-ewwel distrett.

48.9.4. Is-Sindku qalet li l-Kunsill irid jiddeċiedi wkoll lil min se jingħata Ġieħ il-Floriana. Għalhekk il-Kunsill irrisolva f'kumitat biex jiddiskuti din rin-nomina. Wara diskussjoni ġie maqbul li Ġieħ il-Floriana jingħata lis-Sur Tony Zarb li huwa Furjaniż u li issa temm il-ħidma tiegħu wara diversi snin fil-GWU.

## 48.10 FESTIVAL TAL-LOGĦOB TAN-NAR MEKKANIZZAT

48.10.1. Is-SE informa lill-Kunsill li l-Kunsill kien iltaqa' mal-kmamar tan-nar sabiex jiġu diskussi d-dettalji. Huwa kompla billi qal li kienu ressqu xi proposti u kien hemm qbil li dawn jiġu kkunsidrati qabel l-edizzjoni tas-sena d-dieħla.

48.10.2. Is-SE kompla billi qal li l-Kunsill kien qed jistenna risposta mingħand l-Awtorità tat-Turiżmu minħabba l-loġistika tal-port dakinhar tal-festival.

48.10.3. Fir-rigward ta' permessi relatati mal-attività u s-sawnd, dawn kienet ser tieħu ħsiebhom l-Awtorità tat-Turiżmu.

## 48.11 TMIEM IL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

48.11.1. Il-laqgħa intemmet fis-18:20 u b'riżoluzzjoni unanima tal-kunsillieri kollha ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 17 ta' Mejju 2022 fil-5.00pm.

**Konfermati, illum it-Tlieta 17 ta' Mejju 2022**

| | |
|---|---|
| (iffirmati) | (iffirmati) |
| Davina Sammut Hili | Malcolm Agius Muscat |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |